**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-TLIETA 9 TA' LULJU, 2002

**Numru: 18**

**Avviz Nru: 821/02 AE**

**U.C.I.M. Co Ltd**

**Vs**

**Maurice Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erbgha mija u tmenin lira Maltija (Lm480) rapprezentanti import ta' sitt kambjali, kollha ta' Lm80 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Ottubru 2001 sa Marzu 2002 rispettivament u mhux imhallsa.

Ra li ghalkemm jirrizulta milli atti li l-konvenut huwa debitament notifikat, naqas milli jikkontesta l-kawza u milli jidher ghas-seduti.

Ra n-noti li gew prezentati mis-socjeta attrici u li permezz taghha rridutciet l-ammont mitlub ghas-somma ta' mija u erbgha u hamsin lira Maltija (Lm154) stante pagamenti li saru fil-mori.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u erbgha u hamsin lira Maltija (Lm154), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) jithallsu mill-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**